31999D0567

14.8.1999 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 216/13

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-27 ta' Lulju 1999

## li tistabbilixxi il-mudell taċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/67/KEE

*(notifikata taħt id-dokument numru K (1999) 2425)*

**(Test bir-rilevanza ŻEE)**

(1999/567/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

(1) Wara li kkonsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/67/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 li tikkonċerna il-kondizzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimali li jmexxu it-tpoġġija fis-suq ta' annimali u prodotti akwatiċi [1], kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 98/45/KE [2], u partikolarment l-Artikolu 16(l) tagħha,

(2) (1) Billi l-annimali tal-akwakultura suxxettibbli għan-nekrosi ematopojetika infettiva (IHN) u s-settiċemija emorraġika virili (VHS) fil-kummerċ intra-Komunitarju bejn żoni mhux-approvati jistgħu jferrxu l-mard meta jkunu ġejjin minn razzett fejn tkun imxerrda il-marda;

(3) (2) Billi biex jiġi evitat it-tixrid ta' dan il-mard, għandu jkun assigurat li dawn l-annimali ta' l-akwakultura jkunu akkumpanjati b'ċertifikat li jiċċertifika li l-annimali ġejjin minn razzett li mhux infettat b'IHN u VHS;

(4) (3) Billi, bi qbil ma' l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/53/KEE tal-24 ta' Ġunju 1993 li tintroduċi miżuri minimi tal-Komunità għall-kontroll ta' ċertu mard tal-ħut [3], kif emendata bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Fillandja u l-Isvezja, movimenti ta' ħut ħaj jew bajd u *gametes* minn irziezet infettati mill-istess mard huwa permess;

(5) (4) Billi, biex jiġi evitat it-tixrid ta' mard li jinġarr mill-ħut, huwa neċessarju li tkun provvduta ċertifikazzjoni speċjali;

(5) Billi l-miżuri provvduti f'din id-Deċiżjoni jaqblu mal-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti.

*Artikolu 1*

Kunsinni ta' ħut ħaj, il-bajd jew *gametes* tagħhom fil-kummerċ intra-Komunitarju bejn żoni mhux approvati fir-rigward tal-mard imsemmi fil-lista II tal-Anness A tad-Direttiva 91/67/KEE, għandhom ikunu akkumpanjati b'ċertifikat magħmul bi qbil mal-mudell stabbilit f'L-Anness I.

*Artikolu 2*

Kunsinni ta' ħut ħaj, il-bajd jew *gametes* tagħhom fil-kummerċ intra-Komunitarju bejn żoni mhux approvati minn razzett infettat mill-mard imsemmi fil-lista II tal-Anness A tad-Direttiva 91/67/KEE lejn rziezet oħra infettati mill-istess mard, għandhom ikunu akkumpanjati b'ċertifikat magħmul bi qbil mal-mudell stabbilit f'L-Anness II.

*Artikolu 3*

Iċ-ċertifikati msemmija f'L-Artikoli 1 u 2 għandhom:

- isiru fil-lingwa jew lingwi ta' l-Istat Membru ta' destinizzjoni,
- jakkumpanjaw il-ħut, bajd u *gametes* fl-oriġinal,
- jikkonsistu f'karta waħda,
- ikunu magħmula minn min jikkonsinja.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-27 ta' Lulju 1999.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 46, tad-19.2.1991, p. 1.
[2] ĠU L 189, tat-3.7.1998, p. 12.
[3] ĠU L 175, tad-19.7.1993, p. 23.

*L-ANNESS I*

MUDELL

**ĊERTIFIKAT TA' SAĦĦA TA' L-ANNIMALI**

**Għal ħut ħaj suxxettibbli għan-nekrosi ematopojetika infettiva u s-settiċemija emorraġika virili, il-bajd u l-*gametes* tagħhom fil-kummerċ intra-Komunitarju bejn żoni mhux-approvati**

Numru kodifikat ([1])

I. **Oriġini tal-kunsinna**

Stat Membru ta' oriġini: ..........

Razzett ta' oriġini:

Isem: ..........

Indirizz: ..........

II. **Deskrizzjoni tal-kunsinna**

| | Annimali ħajjin | Bajd | Gametes |
|---|---|---|---|
| Speċi:<br>Isem komuni<br>Isem xjentifiku | | | |
| Kwantità:<br>Numru<br>Piż totali<br>Piż medju: | | | |

III. **Destinazzjoni tal-kunsinna**

Stat Membru ta' destinazzjoni: ..........

Min jikkunsinja:

Isem: ..........

Indirizz: ..........

Post ta' destinazzjoni: ..........

IV. **Mezz ta' trasport**

Natura: ..........

Identifikazzjoni: ..........

([1]) Maħruġ mis-servizz uffiċjali.

V. **Ċertifikazzjoni ta' saħħa**

Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-annimali li jiffurmaw il-kunsinna preżenti:

— ma urew l-ebda sinjali kliniċi ta' mard fil-ġurnata meta tgħabbew,

— m'humiex maħsuba għad-distruzzjoni jew għal biċċerija taħt l-iskema għall-eradikazzjoni ta' marda mniżżla f'L-Anness A tad-Direttiva tal-Kunsill *91/67/KEE* li tikkonċerna l-kondizzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimali li jirregolaw it-tpoġġija fis-suq ta' annimali u prodotti ta' l-akwakultura,

— mhux ġejjin minn razzett li hu suġġett għal projbizzjoni għal raġunijiet ta' saħħa ta' l-annimali, u partikolarment mhux minn razzett li hu infettat min-nekrosi ematopojetika infettiva u mis-settiċemija emorraġika virili, u ma ġewx f'kuntatt b'annimali minn razzett bħal dan,

u li l-bajd/*gametes* li jiffurmaw il-kunsinna preżenti ġew miksuba minn annimali li jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti.

Magħmula fi ............................................................................................, fi ..............................................................................................................................

Isem tas-servizz uffiċjali: ...........................................................................................................................................................................................

Isem u funzjoni tal-uffiċjal li jiffirma (isem b'ittri kbar): ...............................................................................................................................

Firma (2): ..............................................................................................

Timbru
tas-servizz
uffiċjali (2)

(2) Il-firma u l-bolla għandhom ikunu ta' kulur differenti minn dak tal-istampar.

*L-ANNESS II*

MUDELL

**ĊERTIFIKAT TA' SAĦĦA TA' L-ANNIMALI**

**Għal trasport intra-Komunitarju ta' ħut ħaj, il-bajd u l-*gametes* tiegħu minn irziezet infettati bin-nekrosi ematopojetika infettiva u mis-settiċemija emorraġika virili lejn razzett ieħor infettat**

Numru kodifikat (1)

I. **Oriġini tal-kunsinna**

Stat Membru ta' oriġini: ....................

Razzett ta' oriġini:

Isem: ....................

Indirizz: ....................

II. **Deskrizzjoni tal-kunsinna**

| | Annimali ħajjin | Bajd | Gametes |
|---|---|---|---|
| Speċji:<br>Isem komuni<br>Isem xjentifiku | | | |
| Kwantità:<br>Numru<br>Piż totali<br>Piż medju | | | |

III. **Piż medju**

Stat Membru ta' destinazzjoni: ....................

Min jikkunsinja:

Isem: ....................

Indirizz: ....................

Post ta' destinazzjoni: ....................

IV. **Mezz ta' trasport**

Natura: ....................

Identifikazzjoni: ....................

(1) Maħruġ mis-servizz uffiċjali.

V. **Ċertifikat ta' saħħa**

Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li

1. l-ħut li jifforma parti mill-kunsinna preżenti (2)

   a) ġej minn razzett infettat bin-nekrosi ematopojetika infettata u/jew mis-settiċemija emorraġika virili u huwa maħsub għal razzett ieħor infettat mill-istess mard(a);

   b) ma wera l-ebda sinjal kliniku ta' mard fil-ġurnata ta' tgħabbija;

   c) huwa trasportat b'mezz ta' trasport li ġie ssiġillat wara t-tgħabbija b'siġill bl-identifikazzjoni li ġejja: ...........................

   u li dak li jġorr il-ħut ikun ħa l-miżuri biex jassigura li l-ħut ikun jista' jiġi trasportat f'kondizzjonijiet ottimali ta' sopravivenza mingħajr tiġdid ta' l-ilma ta' trasport.

2. Il-bajd/*gametes* li jiffurmaw il-kunsinna preżenti ġejjin minn razzett infettat bin-nekrosi ematopojetika infettiva u/jew mis-settiċemija emorraġika virili u huma maħsuba għal razzett ieħor infettat mill-istess mard(a).

Magħmula fi ....................................................................................., fi ..............................................................................................................................

Isem tas-servizz uffiċjali: ..................................................................................................................................................................

Isem u funzjoni tal-uffiċjal li jiffirma (isem b'ittri kbar): ..............................................................................................................

Firma (3): ...........................................................................................

Timbru
tas-servizz
uffiċjali (3)

(2) Ħassar fjen xieraq.
(3) Il-firma u l-bolla għandhom ikunu ta' kulur differenti minn dak tal-istampar.